MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-3 ta' April, 2008

Numru 1522/2007

Il-Pulizija
(Spettur Maurice Curmi)

vs

Silvio Ellul

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 458982(M) akkuzat talli:

- fl-20 ta' Settembru 2007 fil-hanut bl-isem 'Zunga DVD Rentals' Zejtun ffalsifika jew biddel, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh jew prodott ta' industrija, jew manifattura, jew xjentament ghamel uzu ta' sinjali, tabelli jew emblemi li jkun fihom indikazzjoni li tista' tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew biegh tali merkanzija jew

xjentament qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghal hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema imxebbhin b'qerq u cioè numru ta' DVDs, ai termini ta' l-artikolu 298(1) tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

- fl-istess data, lok u cirkostanzi bi qligh jew bi skop ta' kummerc, stampa, immanifattura, iddupplika jew mod iehor irriproduca jew ikkopja, jew biegh, qassam jew mod iehor offra ghal bejgh jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta' l-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil-ligi ta' Malta jew tahtha, ai termini ta' l-artikolu 298B tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema sommarjament mhux opposta.

Semghet lill-imputat jirregistra ammisjoni fl-liema ammisjoni huwa ppersista anka wara li l-Qorti tahtu zmien jirrikonsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

L-akkuzi kontra l-imputat huma ippotizzati taht ir-reati li jirregistraw il-qerq fil-kummerc u fl-industrija u l-ksur ta' drittijiet ta' l-awtur.

Tar-reati kontrih migjuba l-imputat irregistra ammisjoni volontarja u inkondizjonata.

Ghalhekk issibu hati tal-istess akkuzi. Rat l-Artikolu 298(1), 298B u 17 tal-Kap 9 u tikkudannah multa ta' 300 euros li qeghdha tawtorizza l-imputat ihallashom b'rati ta' 50 euros f'kull l-ahhar ta' kull xahar sussegwenti u

konsekuttivi bl-ewwel pagament fl-ahhar ta’ April 2008 u bid-dekadenza fin-nuqqas anka ta’ pagament wiehed. Alternattivament konvertibbli f’15-il jum prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------